*Jikteb is-Segretarju:*

*Is-Sur Saviour DIMECH*



# Ġrajjiet ta' 75 sena ilu

*Il-kitba ta' dan l-artiklu hija msejsa fuq żewġ dokumenti ta' 75 sena ilu. Wieħed deher fil-ġurnal **The Malta Herald** u l-ieħor jinsab fl-arkivju tal-Knisja Arċipretali tal-Mosta.*

**L-Ewwel Dokument**

F'paġna 2 ta' *The Malta Herald* ta' nhar l-Erbgħa, 29 t'April 1925, dehret ittra lill-editur taħt ir-ras "**The Nicolò Isouard Band** " iffirmata minn '*An Admirer*'. Il-korrispondent jgħidilna li kien hemm ċerimonja interessanti fil-Mosta il-Ħadd ta' qabel. Iżda għalkemm l-ittra ġiet ippubblikata fid-29 t'April, ma nafux meta nkitbet u għalhekk ma nafux eżatt id-data ta' din l-okkażjoni. Nafu biss li kienet viċin ħafna l-Għid il-Kbir li dik is-sena ħabat nhar it-12 t'April.



Il-Wisq Reverendu Dun Pawl Mallia, Arċipriet tal-Mosta bejn l-1907 u l-1930. (ritratt: Ruben Chetcuti)

L-okkażjoni kienet il-preżentazzjoni lill-Banda ta' żewġ standardi ġodda li saru bid-donazzjonijiet tal-membri tas-Soċjetà. L-attività kollha ta' dakinhar bdiet b'marċ mill-Banda Nicolò Isouard matul Triq il-Kungress Ewkaristiku. Il-banda biż-żewġ standardi ġodda fuq quddiem imxiet qalb il-folla tan-nies. X'ħin il-marċ wasal il-Pjazza, l-Arċipriet tal-Mosta, il-Wisq Reverendu Dun Pawl Mallia, ħareġ mill-knisja u wara li għamel diskors addattat għall-okkażjoni, bierek iż-żewġ standardi. Imbagħad, il-bandisti, flimkien mal-membri tal-kumitat u ma' xi mistednin distinti, marru d-dar ta' l-Arċipriet fejn saritilhom bibita.

L-attività kompliet bi programm mużikali fil-pjazza tal-knisja li kien jinkludi dawn is-siltiet mużikali: l-*Overture* '***Poet and Peasant***' ta' Suppè, Selezzjoni mill-opra '***Andrea Chenier***' ta' Giordano, is-Sinfonija '***Unfinished***' ta' Schubert u '***Angelus***' ta' Massenet.

Wara l-esekuzzjoni tal-Programm Mużikali, is-segretarju Cesareo Chetcuti, f'isem il-kumitat tas-Soċjetà, ippreżenta bukkett fjuri lill-Mro. Giovanni Vella bħala turija ta' apprezzament u gratitudni għall-interess tiegħu fil-Banda Nicolò Isouard.

Il-korrispondent ifaħħar l-esekuzzjoni stupenda tal-banda u l-ħila tas-Surmast żagħżugħ, Giovanni Vella, b'riżultat ta' l-enerġija u l-entużjażmu tiegħu. Isemmi l-fatt li snin qabel Mro. Vella kien beda l-istudji mużikali tiegħu fi ħdan il-Banda Nicolò Isouard. Rimarka interessanti hija li aktar min-nofs il-ħamsin bandist li kien hemm idoqqu, kien għallimhom il-mużika Mro. Vella f'dawn l-aħħar sentejn.

U hawn nixtieq nagħmel xi osservazzjonijiet. Irridu nżommu quddiem għajnejna li f'dawk iż-żminijiet l-biċċa l-kbira tal-baned kellhom il-bandisti tagħhom, u l-kiri tal-bandisti barranin kien limitat ħafna. Bejn l-1914 u l-1922, il-Banda Nicolò Isouard kienet għaddiet minn żminijiet diffiċli ħafna. Fl-aħħar tal-1922, Mro. Giovanni Vella kien ħa d-direzzjoni tal-banda f'idejh u mill-ewwel beda jistinka biex isaħħaħ lill-banda. Tant hu hekk li



*Mro. Giovanni Vella f'żogħżitu, Surmast tal-Banda Nicolò Isouard bejn l-1922 u l-1954.*

wara biss sentejn u ftit xhur naraw dan ir-riżultat. Għandna madwar tletin bandist li tgħallmu jdoqqu fi żmien relattivament qasir u flimkien mal-bandisti stabbiliti li baqgħu jissieltu mad-destin tal-banda fiż-żminijiet diffiċli li semmejna, tawna programm mużikali li kiseb tant tifħir. Il-korrispondent jgħidilna li fl-aħħar tal-programm kien hemm applaws qawwi mill-folla kbira li nġabret fil-pjazza tal-knisja. Bir-raġun kollu *'An Admirer'* jagħti mertu kbir lis-Surmast Giovanni Vella u lil dawn il-bandisti.

## It-Tieni Dokument

Fil-*Liber Baptisatorum XIV*, paġna 152, li jinsab fl-Arkivju tal-Knisja tal-Mosta, insibu li nhar id-19 ta' Lulju 1925 saret Ordinazzjoni Saċerdotali fil-Knisja tal-Mosta.

Dakinhar, l-Arċisqof ta' Malta - l-Eċċellenza Tiegħu Mons. Dom Mauro Caruana OSB, megħjun minn Mons. Dun Pawl Vella Mangion, Mons. Dun Ġużepp Pietru Agius u l-Mons. Penitenzier tal-Katidral, Dun Anton Vella, għamel il-funzjoni ta' l-Ordinazzjoni Saċerdotali lil seba' djakni li ġew ordnati saċerdoti ġodda. Dawn kienu: Dun Anton Farrugia (Mosta), Dun Ġwann Mallia Tabone (Mosta), Kan. Dun Ċesarin Attard (Żejtun), Dun Emanuel Camilleri (Żejtun), Dun Ġorġ Scicluna (Qormi), Dun Nerik Mahoney (Senglea) u Dun Karm Farrugia (Valletta).

Din l-Ordinazzjoni ġabet ferħ kbir fost il-kleru u l-poplu tal-parroċċa tal-Mosta. Dan jixhduh il-wirja ta' fidi, l-imħabba, il-ferħ u r-rispett li bihom ġie milqugħ l-Arċisqof mill-poplu kollu. It-tfal ta' l-Oratorju Qalb ta' Ġesù xerrdu l-fjuri fit-toroq minfejn għadda l-Arċisqof u l-Banda Nicolò Isouard daqqet l-Innu Pontifiċju.

Wara li l-funzjoni ta' l-Ordinazzjoni ġiet fi tmiemha, l-Arċisqof bierek żewġ standardi ġodda tas-Soċjetà Nicolò Isouard. Wieħed kien tal-Papa (isfar u abjad), u l-ieħor tal-Gran Brittanja. Kif spiċċa dan kollu, l-Arċisqof mal-Monsinjuri, il-kleru kollu u l-kumitat tal-Banda Nicolò Isouard marru d-dar ta' l-Arċipriet b'radd il-ħajr lill-Mons. Arċisqof u xorbu bis-saħħa tiegħu. Min-naħa tiegħu, l-Arċisqof ta l-Barka Pastorali lil dawk preżenti.

## Erba' Standardi Ġodda

Minn dawn iż-żewġ dokumenti li semmejna joħroġ ċar li fl-1925 saru erba' standardi ġodda għall-Banda Nicolò Isouard. Nistgħu nieħdu xi tagħrif dwar l-istandardi tas-Soċjetà minn xi ritratti antiki. Fir-ritratti tal-Banda Nicolò Isouard li ttieħdu fl-1911 u fl-1912 u mir-ritratti tal-Kungress Ewkaristiku tal-1913, insibu li mal-banda kien ikun hemm il-Bandalora tas-Soċjetà li saret fl-1906 u



*L-Eċċellenza Tiegħu Mons. Dom Mauro Caruana O.S.B., Arċisqof ta' Malta bejn l-1915 u l-1943.*

erba' standardi. Dawn kienu *ta' Malta*, *tal-Papa*, *tal-Madonna* u dak *Imperjali*, magħruf bħala 'tar-Re'. Dawn l-erba' standardi qodma spiċċaw għal kollox. Iżda l-erba kruċetti tagħhom għadhom merfugħa f'waħda mill-vetrini fil-Każin. Il-kruċetta ta' l-istandard *ta' Malta* kienet is-Salib tal-Kavallieri. Dik ta' l-istandard *tal-Papa* kienet Trerenju b'żewġ imfietaħ jistrieħu fuq imħadda b'erba' ġmiemen. *Tal-Madonna* kienet stilla b'sitt ponot u bir-raġġi. Ta' l-istandard *tar-Re* kienet l-aktar waħda elaborata. Kienet tikkonsisti f'kuruna b'disinn li jixxiebaħ ħafna max-xogħol tal-filigranu u xettru jistrieħu fuq imħadda b'erba' ġmiemen.

Jidher għalhekk li fl-1925 l-istandardi l-qodma, li semmejna, kellhom jinbidlu u saru l-erba' l-ġodda li jissemmew f'dawn id-dokumenti. Fir-ritratt tal-Banda Nicolò Isouard li ttieħed fl-1931, insibu l-istess bandalora li saret fl-1906 u erba' standardi. Dak *ta' Malta* bl-arma tal-Mosta fuqu, *tal-Papa*, *tal-Madonna* bin-*Nome di Maria* u l-ieħor *tal-Gran Brittanja*. Hija ħaġa ċerta li dawn l-erba' standardi huma dawk li saru fl-1925. *Il-Malti*, *tal-Papa* u *tal-Madonna* għandhom rispettivament l-istess kruċetti li kienu jintużaw għall-istandardi l-qodma. Dak *Ingliż* saritlu kruċetta ġdida forma ta' labarda. B'hekk, il-kruċetta ta' l-istandard *tar-Re* ma ntużatx aktar. Bħal ta' qabilhom, dawn l-erba' standardi kienu kbar ħafna.



*Il-kruċetta ta' l-Istandard Imperjali li kellha s-Soċjetà Nicolò Isouard. Saret madwar mitt sena ilu. (ritratt: Victor B. Caruana)*

Nerġgħu niġu għall-informazzjoni li nsibu fid-dokumenti li semmejna. Mela f'April tal-1925, iżżanżnu żewġ standardi. *'An Admirer'* jgħidilna li kienu żewġ standardi sbieħ ħafna. Kollox jindika li wieħed minnhom kien *il-Malti* (abjad u aħmar) li kellu l-arma tal-Mosta impittra fin-nofs. Il-pendent tiegħu wkoll kien iddekorat bil-pittura. L-ieħor kien *tal-Madonna*. Standard ikħal bin-*Nome di Maria* mpittra fin-nofs. Kellu l-pendent iddekorat bil-pittura wkoll. Il-pittura ta' dawn iż-żewġ standardi kienet saret mis-Sur Rafel Caruana Dingli, li miet fl-1927. Għalkemm f'ħafna partijiet minnhom huma mżarrtin, dawn iż-żewġ standardi għadhom merfugħin fil-Każin.

Fid-19 ta' Lulju tal-1925 iżżanżnu ż-żewġ standardi l-oħra. *Tal-Papa* kien isfar u abjad mingħajr l-ebda dekorazzjoni, iżda kellu l-frenża tad-deheb. L-istandard *Ingliż* sar flok dak *Imperjali* u t-tnejn joħduna lura fl-istorja meta Malta kienet kolonja Ingliża. Sfortunatament minn dawn iż-żewġ standardi ma fadal xejn għajr il-pendenti tagħhom.

## Il-Banda fl-1931

*'An Admirer'* semma li fl-1925, il-Banda Nicolò Isouard kien fiha ħamsin bandist u aktar minn nofshom bdew idoqqu wara l-1922. Fir-ritratt tal-banda ta' l-1931 jidhru erbgħa u ħamsin bandist. Minnhom tmienja biss jidhru fir-ritratti tal-banda ta' l-1911 u l-1912. Dan ma jfissirx li kien hemm sitta u erbgħin li ngħaqdu mal-banda bejn l-1922 u l-1931. Jista' jkun li kien hemm xi bandisti li bdew idoqqu fiż-żminijiet diffiċli ta' bejn l-1914 u l-1922. Jista' jkun ukoll li kien hemm xi bandisti li kellhom jaqtgħu mill-banda minħabba l-emigrazzjoni jew għal xi raġuni oħra u imbagħad reġgħu lura u ssieħbu fil-banda. Iżda hija ħaġa ċerta li l-ħafna bandisti żgħażagħ li jidhru fir-ritratt tal-Banda Nicolò Isouard tal-1931, kollha ħadu t-tagħlim mużikali mingħand is-Surmast Giovanni Vella. Mhux ta' b'xejn li s-Surmast Ġanni Vella għadu jissemma sa llum, u kienet deċiżjoni li għandha sinifikat qawwi meta fil-Mosta ssemmiet triq għas-Surmast Ġanni Vella.

**Ħajr:**

Is-Sur Joe Catania għall-informazzjoni li għaddieli dwar l-ittra fil-ġurnal '**The Malta Herald**',

Dun Salv Magro għall-informazzjoni mill-Arkivju tal-Knisja tal-Mosta,

Is-Sur Charlie Schembri li kien strumentali biex ksibt l-informazzjoni mingħand Dun Salv Magro.



*Standard ikħal bin-**nome di Maria**, li sar fl-1925. Jidher ukoll il-pendent dekorat. (ritratt: Ruben Chetcuti)*




*L-Istandard Malti bl-arma tal-Mosta li sar fl-1925. Fuq ix-xellug jidher il-pendent ta' l-istandard. (ritratt: Ruben Chetcuti)*

